II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/173

tas-26 ta' Jannar 2023

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-1-metil-3-(trifluworometil)-1H-pirażol-4-karbossammid (PAM), għaċ-ċiklossidim, għaċ-ċiflumetofen, għaċ-ċiflutrin, għall-metobromuron u għall-pentijopirad f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Għaċ-ċiklossidim, għaċ-ċiflumetofen, u għall-pentijopirad, il-livelli massimi ta' residwi (l-"MRLs") huma stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għaċ-ċiflutrin l-MRLs huma stabbiliti fl-Annessi II u III ta' dak ir-Regolament. Għall-1-metil-3-(trifluworometil)-1H-pirażol-4-karbossammid (PAM) u għall-metobromuron, ma huwa stabbilit l-ebda MRL speċifiku fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u billi dawk is-sustanzi attivi mhumiex inklużi fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament.

(2) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti għall-beta-ċiflutrin u għaċ-ċiflutrin f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([2]). Fl-opinjoni motivata tagħha, l-Awtorità kkonfermat id-definizzjoni tar-residwu bħala "ċiflutrin, inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (is-somma tal-isomeri)". Peress li l-beta-ċiflutrin huwa tali isomeru taċ-ċiflutrin, l-MRLs stabbiliti għaċ-ċiflutrin ikopru wkoll il-beta-ċiflutrin. Iż-żewġ sustanzi ma għadhomx approvati bħala sustanzi attivi użati fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-UE. Għalhekk, l-Awtorità vvalutat l-MRLs abbażi ta' użi mhux fl-UE tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, bħal dawk li bħalissa huma stabbiliti mill-Kummissjoni Codex Alimentarius (il-Limiti Massimi għar-Residwi tal-Codex (CXLs)) u t-tolleranzi tal-importazzjoni rrappurtati mill-Istati Membri. L-awtorità qieset ukoll l-użu awtorizzat taċ-ċiflutrin fil-prodotti mediċinali veterinarji għall-bovini u għall-ovini u l-MRLs stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). L-Awtorità rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għat-tuffieħ, għal-lanġas, għall-patata, għall-bżar ħelu, għall-kaboċċi kkapoċċati,

([1]) ĠU L 070, 16.3.2005, p. 1.

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for beta-cyfluthrin and cyfluthrin according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2021;19(9):6837.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

għall-"ħwawar tal-frott", għall-"ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi", għall-ħnieżer (muskoli, fwied u kliewi), għall-bovini (muskoli, fwied, kliewi), għan-nagħaġ (muskoli, fwied, kliewi), għall-mogħoż (muskoli, fwied, kliewi), għall-ekwini (muskoli, fwied, kliewi), għall-pollam (muskoli, xaħam, fwied), għall-ħalib tad-dwieb u għall-bajd tal-għasafar. L-Awtorità rrakkomandat li jiżdiedu l-MRLs għall-grejpfrut, għal-lariġ, għal-lumi, għall-ixkomp, għall-mandolin, għat-tadam, għall-brunġiel, għaż-żerriegħa tal-lift, għaż-żerriegħa tal-qoton. Barra minn hekk, l-Awtorità rrakkomandat li jinżammu l-MRLs eżistenti għall-fażola tas-sojja, għax-xaħam (ħnieżer, bovini, nagħaġ, mogħoż, ekwini), għall-ħalib (frat, nagħaġ u mogħoż) li għalihom biżżejjed *data* ta' appoġġ dwar prattiki agrikoli tajbin tressqet u ġiet ivvalutata mill-Awtorità. Peress li ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs għall-prodotti kollha msemmija hawn fuq jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(3) Għall-użu tal-beta-ċiflutrin u ċ-ċiflutrin fuq il-pastard, l-Awtorità identifikat riskju akut possibbli għall-konsumaturi jekk is-CXL għall-pastard kien stabbilit. Għalhekk l-MRL se jitbaxxa għall-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg.

(4) L-Awtorità kkonkludiet ukoll li ċertu tagħrif ma kienx disponibbli b'rabta mal-MRLs għax-xgħir u għall-qamħ u li għalhekk kien hemm bżonn ta' iktar kunsiderazzjoni min-naħa tal-maniġers tar-riskju. Filwaqt li dawn l-MRLs jitqiesu bħala sikuri, dawn se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li jiġu stabbiliti l-MRLs għaċ-ċiflutrin, għax-xgħir u għall-qamħ fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(5) Għaċ-ċiklossidim, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([4]). L-Awtorità rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għat-tuffieħ, għal-lanġas, għall-berquq, għall-ħawħ, għall-għeneb tal-mejda u tal-inbid, għall-krafes/għall-krafes bl-għeruq tan-nevew, għall-piżelli (friska, bil-miżwed), għall-bużbież ta' Firenze, għall-qaqoċċ, għaż-żerriegħa tal-lift, għall-għeruq tal-pitrava ħelwa u għall-pollam (muskoli, xaħam, fwied). Hija rrakkomandat li jiżdiedu l-MRLs għall-frawli, għall-patata, għall-patata ħelwa, għall-pitravi, għall-għeruq tal-mustarda, għaz-zunnarija bajda, għall-għerq tat-tursin/għat-tursin ta' Hamburg, għar-ravanell, għal-leħjet il-bodbod, għar-rutabaga, għan-nevew, għat-tewm, għax-xalotti, għall-brokkoli, għall-pastard, għall-kaboċċi taz-zokk, għall-kaboċċi kkapoċċati, għall-ġidra, għall-aruka, għall-mustarda ħamra, għall-ħxejjex tal-weraq żgħir (inklużi l-ispeċijiet tal-brassika), għall-burdlieqa, għas-selq, għall-"ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu", għall-fażola (mingħajr miżwed), għall-għads, għal-lupini, għaż-żerriegħa tal-peprin, għaż-żerriegħa tal-ġirasol, għaż-żerriegħa tal-mustarda, għaż-żerriegħa tal-qoton, għaż-żerriegħa tal-fidloqqom, għall-bovini (muskoli, xaħam, kliewi), għan-nagħaġ (muskoli, xaħam, kliewi), għall-mogħoż (muskoli, xaħam, kliewi), għall-ekwini (muskoli, xaħam, kliewi), għall-ħalib (frat, nagħaġ, mogħoż, dwieb) u għall-bajd tal-għasafar. Fir-rigward tal-frawli, l-Awtorità rrakkomandat li jiżdied l-MRL f'konformità mal-opinjoni motivata preċedenti tagħha dwar l-MRLs għal din is-sustanza attiva ([5]). Peress li dan diġà ġie indirizzat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/976 ([6]), jinżamm l-MRL eżistenti stabbilit b'dan ir-Regolament għall-frawli. Hija rrakkomandat li jinżammu dawk l-MRLs eżistenti għal prodotti oħra li għalihom biżżejjed *data* ta' appoġġ dwar prattiki agrikoli tajbin tressqet u ġiet ivvalutata mill-Awtorità. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li jiġu stabbiliti l-MRLs għall-prodotti kollha msemmija hawn fuq fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(6) L-Awtorità kkonkludiet ukoll li fir-rigward tal-MRLs għall-basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales, il-ħass tal-ħaruf/l-insalati tal-qamħirrum, għall-iskalora/indivja bil-weraq wesgħin, għall-krexxuni u ġelbina u nebbieta oħra, għall-krexxuni tal-art, għall-qamħirrum u għall-infużjonijiet erbali mill-għeruq, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Filwaqt li dawn l-MRLs jitqiesu sikuri, dawn se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs għaċ-ċiklossidim, għall-prodott kollha msemmija hawn fuq fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for cycloxydim according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2020; 18(1):5962.

([5]) Reasoned Opinion on the modification of the existing maximum residue level for cycloxydim in strawberries. EFSA Journal 2018;16 (8):5404.

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/976 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jemenda l-Annessi II, III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-livelli massimi tar-residwi taċ-ċiklossidim, tal-mepiquat, tar-razza NRRL Y-27328 tal-Metschnikowia fructicola u tal-proeżadjon f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 216, 18.6.2021, p. 1).

(7) Għaċ-ċiflumetofen, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([7]). Hija rrakkomandat li jinżammu l-MRLs eżistenti għall-"frott taċ-ċitru", għall-"ġewż tas-siġar", għall-"frott taż-żerriegħa", għall-berquq, għall-ħawħ, għall-għeneb tal-mejda u tal-inbid, għall-frawli, għall-għanżalor, għall-kaki, għat-tadam, għall-brunġiel, għall-ħjar u għall-ħops li għalihom biżżejjed *data* ta' appoġġ dwar prattiki agrikoli tajbin tressqet u ġiet ivvalutata mill-Awtorità. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs għal dawk il-prodotti jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(8) L-Awtorità kkonkludiet ukoll li billi kienet nieqsa xi informazzjoni dwar l-MRLs għall-ħnieżer (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għall-bovini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għan-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għall-mogħoż, (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għall-ekwini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), u għall-ħalib (frat, nagħaġ, mogħoż, dwieb), kien hemm bżonn ta' aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Filwaqt li dawn l-MRLs jitqiesu sikuri, dawn se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs jiġu stabbiliti għaċ-ċiflumetofen għall-prodotti msemmija hawn fuq fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(9) Għall-metobromuron, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([8]). Hija pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel għas-somma ta' metobromuron u 4-bromofenilurea, espressa bħala metobromuron.

(10) L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-frawli, għall-patata, għall-karrotti, għaz-zunnarija bajda, għall-ħass tal-ħaruf/insalata tal-qamħirrum, għall-ispinaċi, għall-krexxuni tal-ilma, għall-weraq tal-krafes, għat-tursin, għas-salvja, għas-sagħtar, għall-ħabaq u għall-fjuri li jittieklu, għall-fażola (bil-miżwed), għall-fażola (mingħajr miżwed), għall-ispraġ, għall-bużbież ta' Firenze, għall-fażola, għall-piżelli, għaż-żerriegħa tal-ġirasol, għall-fażola tas-sojja, għall-ħnieżer (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), għall-bovini (muskoli, xaħam, kliewi tal-fwied), għan-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għall-mogħoż (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għall-ekwini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), u għall-ħalib (frat, nagħaġ, mogħoż, dwieb) xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Filwaqt li dawn l-MRLs jitqiesu sikuri għall-konsumaturi, dawn se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs jiġu stabbiliti għall-metobromuron, għall-prodotti kollha msemmija hawn fuq fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(11) Għall-pentijopirad, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([9]). Għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali, ippproponiet żewġ definizzjonijiet separati tar-residwi, "pentijopirad" u "1-metil-3- (trifluworometil) -1H-pirażol-4-karbossammid", sabiex tkopri l-preżenza tal-metabolit PAM mill-użu tal-pentijopirad fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali. L-Awtorità rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għall-berquq, għall-ħawħ u għall-ħafur. Hija rrakkomandat li l-MRLs jiżdiedu għas-segala u għall-qamħ. Hija rrakkomandat li jinżammu l-MRLs eżistenti għal prodotti oħra li għalihom li għalihom biżżejjed *data* ta' appoġġ dwar prattiki agrikoli tajbin tressqet u ġiet ivvalutata mill-Awtorità. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs għal dawk il-prodotti jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(12) L-Awtorità kkonkludiet ukoll li fir-rigward tal-MRLs għall-basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales, il-ħass tal-ħaruf/l-insalati tal-qamħirrum, għall-ħass, għall-krexxuni u ġelbina u nebbieta oħra, għall-krexxuni tal-art, għall-aruka, għall-mustarda ħamra, għall-ħxejjex tal-weraq żgħir (inklużi l-ispeċijiet tal-brassika), għall-ispinaċi, għall-burdlieqa, għas-selq, għas-sorfolja, għall-kurrat selvaġġ, għall-qaqoċċ selvaġġ, għall-krafes, għall-bużbież ta' Firenze,

([7]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for cyflumetofen according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2021;19(8):6812.

([8]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for metobromuron according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2021;19(9):6841.

([9]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for penthiopyrad according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2021; 19(9):6810.

għall-kurrat, għar-rabarbu, għaż-żerriegħa tal-qoton, għax-xgħir u għas-sorgu xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Filwaqt li dawn l-MRLs jitqiesu sikuri, dawn se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs jiġu stabbiliti għall-pentijopirad, għall-prodotti kollha msemmija hawn fuq fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(13) Fir-rigward tal-PAM, li huwa metabolit ewlieni tal-pentijopirad, l-Awtorità rrakkomandat, abbażi tal-istudji tal-metaboliżmu tal-pentijopirad fil-bhejjem, li jiġu stabbiliti MRLs fil-limitu ta' determinazzjoni ("LOD") fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali. Fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti, l-Awtorità ma pproponiet l-ebda MRL minħabba li dan il-metabolit mhuwiex rilevanti għall-prodotti li joriġinaw mill-pjanti. Barra minn hekk, fil-prodotti li joriġinaw mill-pjanti, il-PAM jista' jseħħ b'mod naturali u l-iffissar ta' MRL fil-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg mhuwiex xieraq. Għalhekk jixraq li fl-Anness II jiġi ċċarat li l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg għall-PAM ma japplikax għall-prodotti li joriġinaw mill-pjanti. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità. L-Awtorità vvalutat is-CXLs eżistenti fl-opinjonijiet motivati tagħha. Biex tistabbilixxi l-MRLs, il-Kummissjoni qieset dawk is-CXLs li huma meqjusa sikuri għall-konsumaturi fl-Unjoni.

(14) Fir-rigward ta' prodotti li, fl-Unjoni, mhux awtorizzat li fuqhom jintużaw il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati, u li għalihom ma jeżistu l-ebda tolleranzi tal-importazzjoni jew CXLs, jenħtieġ li l-MRLs jiġu stabbiliti fl-LOD jew biex japplika l-livell prestabbilit ta' 0,01 mg/kg, kif stipulat fl-Artikolu 18(1), il-punt(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(15) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għar-residwi tal-pestiċidi dwar il-ħtieġa li jiġi adattat ċertu LOD. Għas-sustanzi kollha koperti minn dan ir-Regolament dawk il-laboratorji pproponew LODs speċifiċi għall-prodott li jistgħu jinkisbu b'mod analitiku.

(16) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u tqiesu l-kummenti tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(17) Għall-PAM, għaċ-ċiklossidim, għaċ-ċiflumetofen, għaċ-ċiflutrin, għall-metobromuron u għall-pentijopirad, biex ikun hemm lok għall-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għall-prodotti li ġew prodotti fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel ma bdew japplikaw l-MRLs immodifikati u li għalihom l-informazzjoni turi li nżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

(18) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs modifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(19) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Fir-rigward tal-PAM, taċ-ċiklossidim, taċ-ċiflumetofen, taċ-ċiflutrin, tal-metobromuron u tal-pentijopirad fil-prodotti kollha jew fuqhom, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew manifatturati fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel is-16 ta' Awwissu 2023.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-16 ta' Awwissu 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Anness II, jiżdiedu l-kolonni li ġejjin għall-1-metil-3-(trifluworometil)-1H-pirażol-4-karbossammid (PAM), għaċ-ċiklossidim, għaċ-ċiflumetofen, għall-metobromuron u għall-pentijopirad:

"**Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)**

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	1-metil-3-(trifluworometil)-1H-pirażol-4-karbossammid (PAM)	Iċ-ċiklossidim, inklużi l-prodotti tad-degradazzjoni u tar-reazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-aċidu 3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-TGSO2) u/jew l-aċidu 3-idrossi -3-(3-tijanil)glutariku S-diossidu (BH 517-5-OH-TGSO2) jew derivattivi tiegħu, ikkalkulati b'kollox bħala ċiklossidim	Ċiflumetofen (is-somma tal-isomeri)	Pentijopirad (F)	Is-somma ta' metobromuron u 4-bromofenilurea, espressa bħala metobromuron
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**					**0,02** (*)
0110000	**Frott taċ-ċitru**		**0,09** (*)	0,5	0,01 (*)	
0110010	Grejpfrut					
0110020	Larinġ					
0110030	Lumi					
0110040	Xkomp					
0110050	Mandolin					
0110990	Oħrajn (2)					
0120000	**Ġewż tas-siġar**		**0,09** (*)	0,01 (*)	0,05	
0120010	Lewż					
0120020	Ġewż tal-Brażil					
0120030	Ġewż tal-anakardju					
0120040	Qastan					
0120050	Ġewż tal-Indi					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0120060	Ġellewż					
0120070	Macadamia					
0120080	Ġewż Amerikan					
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu					
0120100	Pistaċċi					
0120110	Ġewż					
0120990	Oħrajn (2)					
0130000	**Pomu**		**0,09** (*)	0,4	0,5	
0130010	Tuffieħ					
0130020	Langas					
0130030	Sfarġel					
0130040	Naspli					
0130050	Naspli tal-Ġappun					
0130990	Oħrajn (2)					
0140000	**Frott tal-għadma**		**0,09** (*)			
0140010	Berquq			0,3	**3**	
0140020	Ċiras (ħelu)			**0,01** (*)	4	
0140030	Ħawħ			0,3	**3**	
0140040	Għanbaqar			**0,01** (*)	1,5	
0140990	Oħrajn (2)			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0150000	**Kukku u frott żgħir ieħor**					
0151000	(a) **għeneb**		**0,3**	0,6	0,01 (*)	
0151010	Għeneb tal-mejda					
0151020	Għeneb għall-inbid					
0152000	(b) **frawli**		4	0,6	3	**(+)**
0153000	(c) **frott tal-kannamiela**		**0,09** (*)	**0,01** (*)	0,01 (*)	
0153010	Tut					
0153020	Tut salvaġġ					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0153030	Lampun (aħmar u isfar)					
0153990	Oħrajn (2)					
0154000	(d) **frott żgħir u kukku oħrajn**		**0,09** (*)			
0154010	Mirtill			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0154020	Cranberries			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0154050	Warda skoċċiża			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran			0,4	0,4	
0154080	Frott tas-sebuqa			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0154990	Oħrajn (2)			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0160000	**Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:**		**0,09** (*)			
0161000	(a) **b'qoxra li tittiekel**					
0161010	Tamal			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0161020	Tin			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0161030	Żebbuġ tal-mejda			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0161040	Larinġ tal-qsari			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0161050	Karambola			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0161060	Kaki			0,4	0,4	
0161070	Għanbaqar ta' Ġava			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0161990	Oħrajn (2)			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0162000	(b) **b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir**			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)					
0162020	Liċċi					
0162030	Frott tal-passjoni					
0162040	Bajtar tax-xewk					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0162050	Tuffieħ stilla					
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja					
0162990	Oħrajn (2)					
0163000	(c) **b'qoxra li ma tittikilx, u kbir**			**0,01** (*)	0,01 (*)	
0163010	Avokado					
0163020	Banana					
0163030	Mango					
0163040	Papaja					
0163050	Rummien					
0163060	Ċerimoja					
0163070	Gwava					
0163080	Ananas					
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż					
0163100	Durian					
0163110	Il-frotta tal-annona					
0163990	Oħrajn (2)					
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**					
0210000	**Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi**			**0,01** (*)		
0211000	(a) **patata**		**4**		0,05	**0,03(+)**
0212000	(b) **ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi**					**0,02** (*)
0212010	Għeruq tal-kassava		**0,09** (*)		**0,01** (*)	
0212020	Patata ħelwa		**0,6**		0,04	
0212030	Jammijiet		**0,09** (*)		**0,01** (*)	
0212040	Ararut		**0,09** (*)		**0,01** (*)	
0212990	Oħrajn (2)		**0,09** (*)		**0,01** (*)	
0213000	(c) **ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa**					**0,02** (*)
0213010	Pitravi		**3**		0,6	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0213020	Zunnarija		5		0,6	**(+)**
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi		**3**		**0,01** (*)	
0213040	Għeruq tal-mustarda		**3**		0,6	
0213050	Artiċokks		0,9		0,6	
0213060	Zunnarija bajda		**3**		0,6	**(+)**
0213070	Tursin ta' Hamburg		**1**		0,6	
0213080	Ravanell		**3**		3	
0213090	Leħjet il-bodbod		**3**		**0,01** (*)	
0213100	Swedes		**1**		0,6	
0213110	Lift		**3**		0,6	
0213990	Oħrajn (2)		**0,9**		**0,01** (*)	
0220000	**Ħxejjex tal-basla**			**0,01** (*)		**0,02** (*)
0220010	Tewm		**1,5**		0,8	
0220020	Basal		3		0,8	
0220030	Xalotti		**1,5**		0,8	
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales		**0,3(+)**		4**(+)**	
0220990	Oħrajn (2)		**0,3**		0,8	
0230000	**Ħxejjex tal-frott**					**0,02** (*)
0231000	(a) **Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-*Solanaceae* u tal-familja tal-*Malvaceae***				2	
0231010	Tadam		1,5	0,4		
0231020	Bżar ħelu		9	**0,01** (*)		
0231030	Brunġiel		1,5	0,4		
0231040	Bamja		**0,09** (*)	**0,01** (*)		
0231990	Oħrajn (2)		**0,09** (*)	**0,01** (*)		
0232000	(b) **kukurbiti b'qoxra li tittiekel**		**0,09** (*)		0,7	
0232010	Ħjar			0,4		
0232020	Ħjar tal-pikles			**0,01** (*)		

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0232030	Zukkini			**0,01** (*)		
0232990	Oħrajn (2)			**0,01** (*)		
0233000	(c) **kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx**		**0,09** (*)	**0,01** (*)	0,6	
0233010	Bettieħ					
0233020	Qara' aħmar					
0233030	Dulliegħ					
0233990	Oħrajn (2)					
0234000	(d) **qamħirrum ħelu**		**0,09** (*)	**0,01** (*)	0,02	
0239000	(e) **ħxejjex tal-frott oħrajn**		**0,09** (*)	**0,01** (*)	0,01 (*)	
0240000	**Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**			**0,01** (*)		**0,02** (*)
0241000	(a) **Brassika li tagħmel il-fjuri**		**9**		4	
0241010	Brokkli					
0241020	Pastard					
0241990	Oħrajn (2)					
0242000	(b) **kaboċċi kkapoċċati**		**9**			
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk				0,01 (*)	
0242020	Kaboċċa kkapoċċati				4	
0242990	Oħrajn (2)				0,01 (*)	
0243000	(c) **brassika bil-weraq**		**3**		0,01 (*)	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi					
0243020	Kaboċċi ("kales")					
0243990	Oħrajn (2)					
0244000	(d) **ġdur**		**9**		0,01 (*)	
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**					
0251000	(a) **ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata**			**0,01** (*)		
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ		**2(+)**		**20(+)**	**0,4(+)**
0251020	Ħass		1,5		**20(+)**	**0,02** (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin		1**(+)**		0,01 (*)	**0,02** (*)
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn		**1(+)**		**20(+)**	**0,02** (*)
0251050	Krexxuni tal-art		**1(+)**		**20(+)**	**0,02** (*)
0251060	Aruka		**3**		**20(+)**	**0,02** (*)
0251070	Mustarda ħamra		**3**		**20(+)**	**0,02** (*)
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)		**3**		50**(+)**	**0,02** (*)
0251990	Oħrajn (2)		**1**		**0,01** (*)	**0,02** (*)
0252000	(b) **spinaċi u weraq simili**		**2**	**0,01** (*)	30	**0,02** (*)
0252010	Spinaċi				**(+)**	**(+)**
0252020	Burdlieq				**(+)**	
0252030	Weraq tas-selq				**(+)**	
0252990	Oħrajn (2)					
0253000	(c) **weraq tad-dwieli u speċijiet simili**		**0,09** (*)	**0,01** (*)	0,01 (*)	**0,02** (*)
0254000	(d) **krexxuni**		**0,09** (*)	**0,01** (*)	0,01 (*)	**0,02** (*)**(+)**
0255000	(e) **ċikwejra**		**0,09** (*)	**0,01** (*)	0,01 (*)	**0,02** (*)
0256000	(f) **ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**			**0,02** (*)		**0,04** (*)
0256010	Maxxita		**2**		20**(+)**	
0256020	Kurrat selvaġġ		**0,8**		**20(+)**	
0256030	Weraq tal-karfus		**2**		**0,02** (*)	**(+)**
0256040	Tursin		**2**		**0,02** (*)	**(+)**
0256050	Salvja		**2**		**0,02** (*)	**(+)**
0256060	Klin		**2**		**0,02** (*)	
0256070	Timu		**2**		**0,02** (*)	**(+)**
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu		**2**		**0,02** (*)	**(+)**
0256090	Weraq tar-rand		**2**		**0,02** (*)	
0256100	Stregun		**2**		**0,02** (*)	
0256990	Oħrajn (2)		**0,8**		**0,02** (*)	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0260000	**Legumi**			**0,01** (*)		**0,02** (*)
0260010	Fażola (bl-imżiewed)		15		3	**(+)**
0260020	Fażola (bla mżiewed)		**15**		0,4	**(+)**
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)		**2**		4	
0260040	Piżelli (bla mżiewed)		15		0,3	
0260050	Għads		**15**		0,01 (*)	
0260990	Oħrajn (2)		**2**		0,01 (*)	
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**			**0,01** (*)		**0,02** (*)
0270010	Spraġ		**0,09** (*)		0,01 (*)	**(+)**
0270020	Kardun		**0,09** (*)		**20(+)**	
0270030	Krafes		**0,09** (*)		20**(+)**	
0270040	Bużbież ta' Firenze		**0,09** (*)		20**(+)**	**(+)**
0270050	Qaqoċċ		**0,09** (*)		0,01 (*)	
0270060	Kurrat		4		3**(+)**	
0270070	Rabarbru		**0,09** (*)		15**(+)**	
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu		**0,09** (*)		0,01 (*)	
0270090	Qlub tal-palm		**0,09** (*)		0,01 (*)	
0270990	Oħrajn (2)		**0,09** (*)		0,01 (*)	
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**		**0,09** (*)	**0,01** (*)	0,01 (*)	**0,02** (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat					
0280020	Faqqiegħ salvaġġ					
0280990	Ħażiż u likeni					
0290000	**Alka u organiżmi prokarjoti**		**0,09** (*)	**0,01** (*)	0,01 (*)	**0,02** (*)
0300000	**BUS U ĦEMES**			**0,01** (*)	0,3	**0,02** (*)
0300010	Fażola		30			**(+)**
0300020	Għads		**20**			
0300030	Piżelli		30			**(+)**

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0300040	Lupini/fażola tal-lupini		**20**			
0300990	Oħrajn (2)		**20**			
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**			**0,01** (*)		
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**					
0401010	Żerriegħa tal-kittien		7		0,01 (*)	**0,02** (*)
0401020	Karawett		**0,09** (*)		0,05	**0,02** (*)
0401030	Żerriegħa tal-peprin		**7**		0,01 (*)	**0,02** (*)
0401040	Ġulġlien		**0,09** (*)		0,01 (*)	**0,02** (*)
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol		**7**		1,5	**0,02(+)**
0401060	Żerriegħa tal-lift		**7**		0,5	**0,02** (*)
0401070	Fażola tas-sojja		80		0,3	**0,02(+)**
0401080	Żerriegħa tal-mustarda		**6**		0,01 (*)	**0,02** (*)
0401090	Żerriegħa tal-qoton		**7**		0,5**(+)**	**0,02** (*)
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar		**0,09** (*)		0,01 (*)	**0,02** (*)
0401110	Żrieragħ tal-għosfor		**0,09** (*)		0,01 (*)	**0,02** (*)
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom		**7**		0,01 (*)	**0,02** (*)
0401130	Żerriegħa tal-*camelina sativa*		**0,09** (*)		0,01 (*)	**0,02** (*)
0401140	Qannebusa		**0,09** (*)		0,01 (*)	**0,02** (*)
0401150	Fażola tar-riġnu		**0,09** (*)		0,01 (*)	**0,02** (*)
0401990	Oħrajn (2)		**0,09** (*)		0,01 (*)	**0,02** (*)
0402000	**Frott taż-żejt**		**0,09** (*)		0,01 (*)	**0,02** (*)
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt					
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt					
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt					
0402040	Kapok					
0402990	Oħrajn (2)					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0500000	**ĊEREALI**			**0,01** (*)		**0,02** (*)
0500010	Xgħir		**0,09** (*)		**0,4(+)**	
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn		**0,09** (*)		0,01 (*)	
0500030	Qamħirrum		0,2**(+)**		0,01 (*)	
